# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NUMRU 1184

**KAŻ NRU: 1216**

**Il-kwistjoni tax-xogħol**
**bejn**
**Ronnie Axisa**
**u**
**Bohemian Music Cafe'**
**dwar tkeċċija mill-impieg**
**allegata li hi nġusta**

**Data: 29 ta' Marżu 2001**

**CHAIRMAN: Is-Sur Colin Tabone**

Din il-kwistjoni tax-xogħol ġiet referita lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Ministru tal-Ħarsien Soċjali permezz ta' ittra datata 12 ta' Frar 1998, ref: MHS/T1/15/98 biex tiġi proċessata skond il-provediment ta' l-Artiklu 28(2) tal-kap. 266 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-appellant, is-Sur Ronnie Axisa kien assistit mill-On. Avukat Jose Herrera filwaqt il-Bohemian Music Café kienet rappreżentata minn Ms. Maria Grima Baldacchino u assistita mill-Avukat Patrick Galea.

**Dikjarażżjoni tal-Każ:**

L-appellant iddikjara li s-sidien kienu avviċinawh biex jaħdem magħhom u kien sar ftehim li l-impieg kellu jkun għal perjodu ta' tlett snin b'paga ta' LM 500 fix-xahar u kummissjoni ta' 3 fil-mija fuq il-bejgħ wara t-tnaqqis ta' l-ETP. Hu kien għamilha ċara li kien jikkunsidra din l-offerta biss jekk jiġi assigurat mis-siġurta ta' l-impieg għal perjodu ta' tlett snin - ħaġa li kienet mwiegħda lilu u li minħabba l-esperjenża li kellu, l-impieġ ma kienx ser ikun soġġett għal perjodu ta' 'probation' għal sitt xhur.

L-appellant qal ukoll li x-xogħol tiegħu kien dejjem wieħed sodisfaċċenti ħafna u ma kellu l-ebda problemi.

Jiddikjara li l-impieġ ġie terminat illegalment, bla ebda bażi ta' xejn u li minfloku ġiet assunta persuna oħra minfloku mill l-għada li ġie tterminat l-impieġ.

Minn naħa ta' Bohemian Music Café, l-appellant kien beda jaħdem bħala Floor Manager mit-18 ta' Awissu 1997 fejn fost l-inkarigi tiegħu kellu d-dmir li jieħu ħsieb l-andament kummerċjali tan-neġożju fi qiegħed fiċ-ċentru ta' Paceville.

Jiddikjaraw ukoll li l-istabbiliment jiddependi fuq l-industrija ta' l-'entertainment' u li l-'peak times' tiegħu huma dawk il-ħinijiet u ġranet fejn il-parti l-kbira tan-nies joħorġu - filgħaxijiet, fl-aħħar tal-ġimgħa, u speċjalment fil-vaġanżI tas-sajf, l-Għid u tal-Milied. Huwa f'dan il-kuntest rejali li għandha tiġi kkunsidrata l-imġieba ta' l-appellant. Tallega li l-appellant insista li jieħu il-'leave' fil-perjodu bejn 23 ta' Diċembru 1997 u s-6 ta' Jannar 1998 - jiġifieri il-perjodu li l-Bohemian Music Café kien qed jistenna li jkun fl-aqwa tiegħu.

L-istabbiliment mas setax jakkomoda din it-talba u għalhekk ma kellux triq oħra ħlief li jittermina l-impieġ. Tul l-impieġ tiegħu kien hemm lok għal diversi okkażżjonijiet biex l-impieġ tiegħu jiġi tterminat fejn wera diżrispett lejn min kien iħaddmu.

Għaldaqstant għal dawn ir-ragunijiet it-terminażżjoni ta' l-impieġ ta' l-appellant kienet waħda ġusta u valida skond il-liġi.

Ġew ippreżentati 6 Affidavit mill-istess inputat, minn qraba tiegħu w oħrajn (Dok A - sa Dok F).

Minn naħa tal-istabbiliment ġew ippreżentati ħames Affivdavit (Dok BM1 - BM5).

Ġew depożitati wkoll Dokumenti għar-rigward il-pagamenti ta' l-appellant, IOU's u 'paysheets' ta' Stephen Busuttil.

Dan il-każ huwa ppernjat fuq xi ftehim li jingħad li ntlaħaq fid-dar ta' l-appellant. Il-verzjonijiet li ma jaqblux għar-rigward il-kundiżżjonijiet tax-xogħol tidher fiċ-ċar iktar w iktar meta ma hemm xejn bil-miktub. Irid jingħad li l-appellant talab kemm il-darba għall-kuntratt bil-miktub.

Li jidher li hemm qbil huwa rigward il-paga ta' LM 500 fix-xahar u kummissjoni ta' 3 fil-mija wara tnaqqis ta' l-ETP. Ma hemmx qbil anżi kuntrarju għar-rigward il-perjodu tal-kuntratt tax-xogħol u il-'probation period'.

Mix-xhieda li ressqet il-Bohemian Music Café ġie stabbilit li l-appellant kien tħallas permezz ta' tlett 'cheques' li jammontaw għal LM 750 fl-ewwel sitt ġimgħat u wara kien jieħu mill-cash bejn wieħed u ieħor kull ħmistax u bħala IOU's. I-istabbiliment isostni li il-paga kellha titħallax kull xahar iżda kif ġew ippreżentati l-affarijiet, l-appellant kien joħodhom qabel.

Nuqqas ta' qbil kien għar-rigward tal-'commission' jiġifieri meta titħallas fix-xahar, kull tlett xhur. Dan ma ġiex stabbilit. Pero' minn naħa ta' l-appellant kien hemm pressjoni għal-ħlas.

Niġu għall-episodju għat-talba tal-'leave' fil-ġranet tal-Milied u l-ewwel tas-sena. It-talba ta' l-appellant ma ġietx milqugħa u b'hekk wara argument sħun, l-impieg ġie tterminat.

Iċ-ċertifikat tat-tmiem ta' l-impieg iffirmat fit-22 ta' Diċembru 1997 iġib ir-raġuni bħala waħda ta' 'redundancy' li skond ix-xhieda ta' Rose Meilaq kienet ix-xewqa ta' l-appellant.

Għandna wkoll żewgt Affidavits ta' Stephen Busuttil li l-kontenut tagħhom huwa kompletament oppost ta' xulxin. It-Tribunal jiddikjara li dawn l-affidavit mhux ser jieħu konsiderażżjoni tagħhom, u allura dan ix-xhud mhux jitqies bħala kredibbli.

Inċidenti li ġew allegati dwar nuqqas ta' rispett fil-konfront tal-'management' minn naħa ta' l-appellant u diskors dwar telefonata minn distributur ta' xorb minerali dwar arranġamenti ta' prezzijiet għal xi lokal ieħor minn naħa ta' l-appellant juru li l-atmosfera bejn il-'management' u l-appellant ma kienitx kif mistenni.

It-Tribunal ikkunsidra l-aspetti ta' dan il-każ fejn jirrigwarda l-impieġ ta' l-appellant mal-Bohemian Music Café. Ġie stabbilit li sar diskors iżda xejn dokumentat. L-allegażżjoni ta' l-appellant li kellu kuntratt definit ta' 3 snin mingħajr "probation " ma ġiex sostanżjat. Għalavolja ma kienx hemm kuntratt wieħed jassumi li hemm probation ta' 3 xhur. Meta tkeċċa l-appellant il-perjodu ta' 'probation' kien għadda.

It-talba ta' l-appellant għall-'leave' fil-perjodu tal-Milied tistona xi ftit għan-negozzju tat-tip ta' Bohemian Music Café. M'hux opportun li titlob 'leave' fil-'high season' u wieħed jifimha…

L-appellant jidher li nsista u l-impieġ ġie tterminat.

Ma ġiex ippruvat li l-Bohemian Music Café mpjega lill xi ħadd ieħor minfloku. Li ġara hu li f'dak Iż-żmien tal-Milied il-'Head' tal-Bohemian Music Café ingħata xi responsabilitajiet oħra u ħadem aktar siegħat kif jixhdu d-dokumenti

**Kondlużjoni:**

It-Tribunal iħoss li hemm nuqqasijiet serji miż-żewġt naħat. Wieħed kien jistenna li relażżjoni ta' xogħol tiġi reġolarizżata u li kieku sar hekk, dan il-każ kien jiżvolgi ruħu b'mod differenti.

Jidher li mil-bidu ta' l-impieg l-appellant deher li jrid il-flus f'idejħ u din l-insistenża setgħet wasslet ukoll għal-tensjoni bejn iż-żewġ partijiet.

In-nuqqasijiet tal-Bohemian Music Café għar-rigward in-nuqqas ta' kuntratt ta' xogħol ma jiġġustifikawx l-atteġġament ta' l-appellant fit-talba għall-'leave fil-ġranet tal-Milied.

Għaldaqstant it-Tribunal wara li ra x-xhieda tal-każ jiddikjara li t-tkeċċija kienet ġustifikata.

Għall-finijiet ta' l-avviż legali Numru 48 ta-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' LM 40.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Colin Tabone
Chairman

M'Rose Galea
A/Seġretaja